# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 22 ta' April, 2024.**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 51/2023 ISB**

**HSBC Bank Malta Plc (C3177)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **HSBC Bank Malta plc (C3177)**, intavolat fis-26 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

*tordna li isem is-socjeta` Events Travel and Incentives Ltd (C13049) jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji a tenur tas-sub artiklu 4 tal-Artiklu 325 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi, in vista tal-*

*premessi, l-Qorti jghogobha din id-darba ma torbotx perjodu ta' zmien ma' tali provediment.*

U dan wara li ppremettew:

*Illi, in forza tas-subartikolu 2 tal-Artiklu 325 tal-Att Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta) l-intimat Registratur tal-Kumpaniji hassar l-isem tal-kumpanija Events Travel and Incentives Ltd (C13049) minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji permezz ta' avviz ippubblikat fis-26 ta' Gunju tal-2020 skont l-anness avviz immarkat Dok A);*

*Illi r-Registratur ipproceda billi hassar isem il-kumpannija minkejja l-fatt illi l-bank rikorrenti, qua kreditur tas-socjeta` Events Travel and Incentives Ltd, kien ikkomunika mal-intimat fi zmien koncess lilu skont l-avviz ta' twissiegh tal-25 ta' Marzu 2020 (kopja immarkata Dok A mal-anness dokument Dok B) sabiex il-kumpannija de quo ma tigix struck off izda tali komunikazzjoni, sfortunatament, ghal xi raguni jew ohra, giet injorata mill-intimat (estratt tal-korrispondenza huwa mmarkat Dok B mal-anness dokument Dok A1);*

*Illi, kien ghalhekk illi fl-2020, il-bank rikorrenti ressaq rikors (bin-numru 24/2020JZM, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A1) quddiem dina l-Onorabbli Qorti, diversament ippreseduta, permezz ta' liema huwa talab lil Qorti sabiex tordna li isem il-kumpannija jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpaniji a tenur tas-sub artiklu 4 tal-Artiklu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi, il-Qorti, sodisfatta li l-Bank kien ghad ghandu interess jikkawtela l-kreditu tieghu kontra l-imsemmija kumpannija, laqa' t-talba tal-Bank permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru 2020 (vera kopja hawna annessa u mmarkata Dok B);*

*Illi stante l-fatt illi r-Registratur qabad u hassar isem il-kumpannija u dan ciononostante illi l-Bank kien wissieh – entro t-termine stabbilit mil-Ligi – li kien qed joggezzjona ghal tali thassir propost, il-Qorti ghogobha tinkariga lill-intimat bl-ispejjez ta' dik il-procedura;*

*Illi minkejja dan, il-Qorti, hadet l-opportunita` sabiex tassikura illi l-bank jagixxi in tutela tal-interessi tieghu; ghalhekk, fil-provediment taghha, hija qalet is-segwenti u cioe:*

*'Il-Qorti sejra takkorda lill-bank rikorrent zmien sentejn u sitt xhur b`effett miz-zmien li ser jissemma fil-parti decizorja ta` dan il-provvediment sabiex jezegwixxi l-kreditu tieghu kontra l-kumpannija debitrici.'*

*Illi, tenut kont ta' dan il-provediment, il-Bank, wara li pprova ghall-aktar minn darba jasal ghal transazzjoni barra l-Qorti proprju sabiex jigu evitati aktar proceduri, u spejjez bla bzonn, kien kostrett jiehu dawk il-passi gudizzjarji sabiex jezegiwxxi t-titlu tieghu kontra l-imsemmija kumpannija;*

*Illi dawn il-proceduri jikkonsistu minn subbasta bin-numru 14/22, inizjati fi Frar tal-2022 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok C);*

*Illi fl-10 ta' Marzu tal-istess sena, il-Qorti ordnat illi s-subbasta ssir dakinhar tat-13 ta' Settembru 2022 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok D);*

*Illi din is-subbasta ma setghetx issir; mhux minhabba xi nuqqas da parte tal-Bank izda minhabba illi l-perit appuntata mill-Qorti sabiex tivvaluta l-proprjeta` tal-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd ma kinetx f'posizzjoni li tiffinalizza r-rapport taghha qabel Novembru tal-2022 - appuntu disa' xhur wara illi giet nominata (kopja tat-timbru tal-prezentata hawn annessa u mmarkata Dok E);*

*Illi, wara rikors tal-Bank (tajjeb jinghad li dan ir-rikors gie pprezentat qabel ma gie mahluf ir-rapport bit-tama li l-esponenti kreditur ezekutanti jottjena appuntament mhux fil-boghod ghaliex konxju mill-workload tal-Qorti), il-Qorti appuntat is-subbasta ghal dakinhar tat-23 ta' Marzu 2023 (kopja tal-avviz hawn annessa u mmarkata Dok F);*

*Illi, ghalkemm din id-darba s-subbasta saret, ma dehru l-ebda offerenti;*

*Illi, ghalhekk, il-Bank rega, ghal darb ohra (fis-27 ta' Marzu 2023), ghamel talba lil Qorti sabiex hija tirriapunta s-subbasta mill-gdid;*

*Illi, l-Qorti appuntat is-subbasta ghall-14 ta' Settembru 2023 (Dok G);*

*Illi kif gja espost, id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2020 jipprovdi illi l-isem tal-kumpannija ghandha terga' titnehha wara sentejn u sitt xhur, biex b'hekk illum il-gurnata, l-isem tal-kumpannija jinsab imhassar (vide l-Avviz mahrug mir-*

*Registratur, kopja ta' liema qeghda tigi annessa u mmarkat Dok H/Dok H1);*

*Illi in vista tal-fatt illi:*

*Hemm proceduri gudizzjarji ta' natura ezekuttiva in corso biex il-Bank esponenti jithallas il-kreditu tieghu,*

*Jonqos li dawn il-proceduri jigu finalizzati,*

*Il-Bank m'ghandux kontroll fuq it-timelines li l-Qorti tfassal,*

*Il-Kreditu eccepit fil-proceduri sucitati ghadu dovut lil Bank,*

*Ghadhom ma' ghaddewx hames snin mid-data (sena 2020) tat-thassir ta' isem il-kumpannija Events Travel and Incentives Ltd, u*

*Tali thassir kien sar minkejja li l-Bank kien ghamel rikjesta skont il-Ligi sabiex ir-Registratur ma' jaghmilx dan;*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **id-digriet** tagħha tat-3 ta' Awwissu 2023 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023.

Rat illi fl-20 ta' Settembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 47), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall meriti fattwali ta' din il-kawża, l-intimat Reġistratur tixtieq tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi r-Reġistratur bdiet sabiex tipproċedi ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji fir-rigward tal-kumpanija Events*

*Travel and Incentives Ltd. (C 13049) wara illi nnotat illi hija u l-uffiċjali tagħha kienu illhom ma jonoraw l-obbligi legali tagħhom vis-a-vis l-Att għal diversi snin. Dan wara illi nnotat illi l-aħħar kont annwali sottomess għar-reġistrazzjoni kien għas-sena 2009 filwaqt illi l-aħħar prospett annwali kien iġib id-data tat- 3 ta' Diċembru 2012. Ir-Reġistratur ipproċediet billi tħassar l-isem tal-kumpanija in kwistjoni wara li mxiet b' mod kif jitlob minnha l-istess Artikolu 325 tal-Att. Dan billi ntbagħtet il-korrispondenza kollha u billi nħarġu l-avvizi mitluba mill-istess Att. Filwaqt illi dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, ikkonfermat illi kienet soddisfatta li l-intimat kien segwa  l-proċedura kollha prevista mill-Artikolu 325 tal-Att kompliet billi qalet illi kienet propju l-imġieba tal-kumpanija in kwistjoni li wasslet l-intimat sabiex jagħti bidu għal-proċedura illi wasslet għat-tħassir tal-isem tal-kumpaniia Events Travel and Incentives Ltd. (C 13049) minn fuq ir-Registru;*

*Illi r-Reġistratur quddiem din l-istess Onorabbli Qorti, diversament preseduta, kienet spjegat ampjament iċ-ċirkostanzi illi kien wasslu għal-tali tħassir. Għal benefiċċju ta' dina l-Qorti l-esponenti tixtieq iġġib a konjizzjoni ta' dina l-Qorti illi dak iż-żmien kwalunkwe korrispondenza elettronika illi kienet ntbagħtet min-naħa tal-Bank rikkorrent, kienet tkun b'mod*

*encrypted. Tali korrispondenza kienet tinvolvi proċedura diffiċli u kkomplikata sabiex tinfetaħ u għalhekk sfortunatament l-intimat Reġistratur baqgħet fl-għama dwar il-kontenut tagħha. Dan meta japprezza illi f'każijiet bħal dawn l-oġġezzjoni kellha tasal lill-esponenti b'mod faċli u sempliċi. L-istruzzjonijiet illi kienu nkluzi f' din il-korrispondenza kienu ġew identifikati wara illi l-isem tal-kumpanija kien diġa ġie effettivament mħassar. L-esponenti f' dawk il-proċeduri speċifiċi kienet għamlitha ċara illi l-interess tagħha f'każijiet bħal dawn ta' reinstatement, kien dejjem illi tagħmel mill-aħjar tagħha sabiex tara illi ebda kreditur jew xi persuna oħra nteressata ma jiġu bl-ebda mod preġudikati jew żvantaġġjati;*

*Illi fis-sentenza tagħha il-Qorti, diversament preseduta, kienet għamlitha ċara illi xtaqet issib bilanċ bejn id-dmirijiet u l-esiġenzi regolatorji tar-Reġistratur u l-interess tal-Bank kreditur illi kellu l-interess illi jiġbor il-kreditu dovut lilu. Kien għalhekk illi l-Qorti kompliet sabiex tisħaq illi l-intimat kellu jfittex jirkupra l-kreditu tiegħu mingħajr ma jħalli jgħaddu perjodu twil ta' żmien sabiex jaġixxi u għalhekk jikkawtela l-interessi tiegħu. Il-Qorti riedet tassikura illi l-bank intimat jaġixxi fil-pront in tutela tal-interessi tiegħu u kien propju għalhekk illi l-istess Qorti akkordat perjodu ta' sentejn u sitt xhur b' effett mid-data li fiha l-esponent*

*Reġistratur kien għamel ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-isem tal-kumpanija de quo fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Illi għalhekk fis-sentenza tagħha il-Qorti qalet li kull parti f'dak il-każ illi kellha quddiemha ellu jbagħti l-ispejjeż tiegħu u mhux kif intqal mir-rikkorent fejn qal fir-rikors tiegħu illi l-Qorti "għoġobha tinkariga lill-bank intimat bl-ispejjeż ta' dik il-proċedura" illi kellha quddiemha;*

*Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji tixtieq tissolleva illi mhux qiegħda toġġezzjona illi l-isem tal-kumpanija Events Travel and Incentives Ltd. (C 13049) jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru sabiex ir-rikkorrent ikun jista jkompli jipprova fl-isforzi tiegħu sabiex jiġbor il-kreditu dovut lilu. Madankollu, l-esponenti ma taqbilx illi ma għandu jingħata ebda terminu fiss lill-intimat sabiex jagħmel dan. Dan sabiex l-affarjiet ma jitwalux bla bżonn u sabiex ma jkunx hemm kumpaniji fuq ir-Reġistru illi m'humiex in regola mal-Att għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Otturu 2023;

Rat l-affidavit ta' Dr Ralph Agius Fernandez (fol 52) immarkat DOK RAF, bid-dokumenti miegħu annessi.

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2024 minn fejn jirriżulta illi l-provi tal-partijiet kienu magħluqa u fejn bi qbil mad-difensuri tal-partijiet l-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, il-Bank rikorrent, qed jitlob illi s-soċjetà **Events Travel and Incentives Limited (C 13049)** terġa' tiġi ri-integrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji wara illi din tneħħiet fl-4 ta' Ġunju 2023.

Illi l-Bank rikorrenti ddikjara illi huwa diġà kien intavola rikors fl-2020, preċiżament 24/2020JZM, u dan wara illi l-kumpanija **Events Travel and Incentives Limited (C 13049)** kienet tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fil-25 ta' Marzu 2020.

Il-Bank rikorrenti jikkontendi, illi bid-deċiżjoni meħuda minn din il-Qorti diversament preseduta, il-Qorti kienet poġġiet lura isem il-kumpanija fuq ir-Reġistru għall-perjodu ta' sentejn u nofs sabiex fil-frattemp, il-Bank jieħu l-passi kollha neċessarju sabiex jeżegixxi d-dritt ta' kreditu illi huwa għandu fil-konfront tas-soċjetà *de quo*.

Huwa jikkontendi ulterjorment illi hekk għamel, imma għal raġunijiet li mhux fil-kontroll tiegħu, proċeduri ta' subbasta fuq proprjetà tal-kumpanija msemmija sabiex huwa jissalda dak dovut lilu għadhom mhux konklużi. Għalhekk jikkontendi illi meta l-kumpanija reġgħet għat-tieni darba tneħħiet minn fuq ir-Reġistru, din id-darba peress illi ġiet obduta ordni tal-Qorti, huwa ħassu preġudikat peress illi għadu ma kkonkludiex il-proċeduri ta' eżekuzzjoni tal-kreditu, mhux tort tiegħu. Jikkontendi *di più*, illi lanqas għadhom għaddew il-ħames snin mit-tneħħija oriġinali ta' isem il-kumpanija minn fuq ir-Reġistru.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija tneħħiet minn fuq ir-Reġistru biex tiġi onorata u rispettata d-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta, iżda ddikjara wkoll illi huwa ma kienx "*qieghed joggezzjona illi l-isem tal-kumpanija Events Travel and Incentives Limited (C 13049) jerga' jitqieghed fuq ir-Registru sabiex ir-rikorrent ikun jista' jkompli jipprova fl-isforiz tieghu sabiex jigbor il-krditu lilu dovut*". Ir-Reġistratur intimat b'dana kollu xtaq illi jkun hemm terminu fiss għar-ri-integrazzjoni tal-kumpanija fuq ir-Reġistru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju f'moħħ il-Qorti, u tqis illi nġiebu provi suffiċjenti ta' dan, illi l-Bank rikorrenti qiegħed isegwi l-proċeduri li qed jieħu biex jeżegwixxi t-titolu illi għandu. Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw, inkluż l-interess tal-Bank rikorrent f'dawn il-proċeduri in kwantu illi l-proċeduri ta' subbasta għadhom pendenti.

Il-Qorti però trid tosserva illi filwaqt illi d-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fejn qieset illi sentejn u nofs ikunu biżżejjed biex il-Bank rikorrent jeżegwixxi l-kreditu tiegħu, ingħatat fit-30 ta' Novembru 2020 b'ordni illi l-kumpanija titpoġġa lura fi żmien sebat ijiem, b'dana kollu jirriżulta mill-atti illi l-Bank istitwixxa l-proceduri giudizzjajra relattiva biss fis-17 ta' Frar 2022, ċjoè, meta ġja kien għadda aktar mis-sena mill-perjodu konċess minn din il-Qorti. Huwa veru illi l-Bank rikorrenti jgħid illi

qabel ma resqu għall-proċeduri tas-subbasta, kien qiegħed f'negozjati sabiex ikunu evitati l-istess proċeduri, iżda huwa veru wkoll, tissottolinea il-Qorti, illi l-Bank kien ilu minn sena qabel id-data tas-sentenza bit-titolu eżekuttiv f'idejh u fuq kollox kien anke konxju mill-perjodu moghti mill-Qorti.

B'dana kollu l-Qorti xorta tqis illi t-talba mressqa hija ġustifikata għaliex ċertament ma tħossx illi jkun ġust illi proċedura ta' subbasta mibdija mis-soċjetà rikorrenti tiġi mitmuma ħesrem minħabba t-trapass ta' żmien illi l-kumpanija kellha fuq ir-Reġistru, u għalhekk sejra tilqa' t-talba mressqa.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Events Travel and Incentives Limited (C 13049)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Events Travel and Incentives Limited (C 13049)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji għall-perjodu massimu ta' erba' (4) snin mid-data tar-ri-integrazzjoni tal-kumpanija fuq ir-Registru, liema perjodu ta' erba' snin il-Qorti jidhrilha illi huwa aktar minn suffiċjenti sabiex tiġi konkluża l-proċedura ta' subbasta ġja mibdija mill-Bank rikorrent.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Events Travel and Incentives Limited (C 13049)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tal-Bank rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**